# ID-DAWL

DIĊEMBRU 2024 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 84

**“Jitimgħu l-ikel lill-fqir, lill-iltim u lill-ilsir għall-imħabba ta’ Alla, filwaqt li jgħidu, nitimgħukom għall-pjaċir ta’ Alla biss.”**



In-Nisa u l-Edukazzjoni | L-Imħabba u s-Simpatija | L-Uġigħ tal-Faqar | Servizz għall-Umanità

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Alla jħobb persuna li jħobb lil ħutu

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Huwa fatt li kulħadd iħobb il-maħbub jew il-maħbuba tiegħu u l-membri tal-familja tiegħu, u bl-istess mod, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li għal Alla l-ħlejjaq kollha huma bħal tfal; u Alla jħobb lil dik il-persuna li tittratta l-ħolqien Tiegħu tajjeb u bil-ħniena u l-mogħdrija.

Dan il-kliem juri biċ-ċar li, jekk aħna rridu li nsibu 'l Alla, il-Ħallieq tagħna, u rridu relazzjoni personali miegħu, u nixtiequ niltaqgħu miegħu u nirbħu l-imħabba tiegħu, allura huwa importanti li aħna mmorru għand in-nies li għandhom bżonna u ngħinuhom.

Jekk aħna ġenituri u ma niħdux ħsieb tajjeb tat-tfal tagħna, jekk aħna tfal u ma nurux rispett kbir lejn il-ġenituri tagħna, jekk ma nittrattawx lin-nisa tagħna bil-ħniena, jekk il-ġirien tagħna mhumiex fil-paċi minħabba fina, jekk għandna l-flus u ma rridux naqsmu mal-foqra u ma' dawk li huma fil-bżonn u mal-orfni u mar-romol, u jekk għandna l-ħobż u m'aħniex lesti li nagħtu nofsu lill-fqir jew lil dak li hu fil-bżonn, allura jiena nibża' li ma nistgħux inservu l-umanità kif suppost.

**Għalhekk huwa ferm importanti li nibdew ngħinu lil kulħadd kull meta u kull fejn tinqala' l-opportunità.**

## ID-DAWL

DIĊEMBRU 2024 – Numru 84– Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

God loves a person who 02
Women and education 03
Love and sympathy 05
The pain of poverty 06
Serving humanity 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Addkm | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

Q&A

# In-nisa Musulmani jistgħu jiksbu edukazzjoni?



L-għarfien huwa setgħa. L-Iżlam bħala reliġjon universali jenfasizza li l-edukazzjoni għall-irġiel u għan-nisa qiegħda fuq l-istess livell ta' importanza, u l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, iwassal l-idea li l-edukazzjoni hija obbligatorja għat-tnejn, u qal: "Huwa l-obbligu ta' kull raġel Musulman u ta' kull mara Musulmana li jiksbu l-għarfien u l-edukazzjoni."

Madanakollu, maż-żmien, din l-istruzzjoni tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ġiet injorata mill-Musulmani u għalhekk in-nisa Musulmani baqgħu ħafna inqas edukati mill-irġiel. Imma bħala prinċipju, in-nisa għandhom dritt ta' edukazzjoni simili bħall-irġiel mingħajr ebda diskriminazzjoni. Għalhekk it-tiċħid mill-edukazzjoni tagħhom imur mhux biss kontra t-tagħlim Iżlamiku iżda wkoll huwa ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Meta naqraw il-Koran Imqaddes insibu xi attributi ta' Alla li huma marbuta mal-għarfien, bħal li Huwa dak li "Jaf Kollox", "Jisma' Kollox", "Kollox Konxju", "l-Għorrief" u "l-Għaref".

Jiġifieri, Alla għandu l-għarfien ta' kollox, Hu jaf kollox. Dan juri wkoll li l-għarfien u l-edukazzjoni huma barkiet u mhux saħta. L-għarfien huwa setgħa u mhux dgħufija. L-għarfien huwa karatteristika pożittiva u distintiva u mhux aspett negattiv. L-edukazzjoni hija dawl li jġiegħel lil moħħna jiddi u jiffjorixxi.

Għalhekk il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] stqarr li: "Żewġ persuni biss huma denji li ngħiru għalihom; persuna li Alla jagħniha bir-rikkezzi u jagħtiha s-setgħa li tonfoq ġidha għal kawżi ġusti; u persuna li Alla jimlieha bl-għerf biex din tkun tista' tiġġudika, tgħallem u xxerred l-għarfien u l-edukazzjoni."

Barra minn hekk, huwa enfasizza li qatt ma tittraskura xi kliem ta' għerf u għarfien imma kun l-ewwel li titgħallem u tifhem dan. Huwa qal: Il-kelma tal-għerf hija l-proprjetà mitlufa tal-fidil, ħalli, kull meta jsibha, għandu jeħodha, għaliex huwa l-aktar li intitolat għaliha.

Wieħed jista' jifhem l-importanza ta' dan is-suġġett mill-fatt li l-ewwel kelma rivelata lill-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kienet '*Iqra*' li tfisser 'Aqra'; "Aqra, f'Isem il-Mulej tiegħek li ħalaq." (Il-Koran, 96:2)

F'parti oħra tal-Koran Imqaddes l-għarfien ġie deskritt bħala "il-grazzja kbira ta' Alla"; din tgħid: "Huwa jagħti l-għerf lil min jixtieq Hu, u kull min jingħata l-għerf ikun tassew ġie ppremjat b'ħafna tjubija; u ħadd ma jagħti kas ħlief dawk mogħnija bil-fehim." (2:270)

Hemm talba sabiħa li, "O Sidi, kabbarni fl-għarfien." (20:115)

L-Iżlam ħeġġeġ lin-nisa biex ifittxu l-għarfien u l-edukazzjoni, sabiex huma jistgħu jħarrġu lil uliedhom moralment u edukattivament b'mod tajjeb.

Għax, jekk in-nisa ma jkunux imħarrġa bis-sħiħ, allura kif jistgħu jħarrġu tajjeb lil uliedhom? Meta huma stess ma jkunux edukati biżżejjed, allura kif jistgħu jedukaw lill-ġenerazzjoni futura tagħhom? F'dan il-kuntest, kif jiġi garantit jew żgurat futur sabiħ ta' pajjiż?

# L-imħabba u s-simpatija

Is-servizz għall-umanità huwa parti integrali mill-Iżlam u l-Komunità Ahmadiyya Musulmana temmen ħafna f'dan il-prinċipju importanti. B'din il-kompassjoni u l-imħabba għall-umanità l-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta żaru postijiet u djar differenti u qasmu magħhom il-ħlewwiet tradizzjonali u l-awguri. Fost dawn id-djar u ċentri kien hemm il-Komunità Santa Marija fi ħdan Sedqa Malta, San Blas fi ħdan Caritas Malta, Food Bank Mosta, il-Fondazzjoni Happy Parenting Malta, il-Fondazzjoni Smiling with Jerome, u l-Fondazzjoni Oasi fir-Rabat, Għawdex.





**KSM - Sedqa**




**OASI**




**Smiling with Jerome**




**Happy Parenting Malta**



**Caritas Malta**

# L-uġigħ tal-faqar u t-tbatija

Il-faqar u t-tbatija huma kundizzjonijiet koroh ħafna u kull bniedem irid ikun ħieles mill-faqar u t-tbatija. Ħadd ma jrid jgħix fi stat ta' tbatija. Imma dawk li huma sinjuri u Alla li Jista' Kollox tahom il-prosperità għandhom jieħdu ħsieb lil ħuthom li għaddejjin minn perjodu diffiċli f'ħajjithom. Għax b'dan il-mod, minn naħa, ikunu jistgħu jtaffu l-uġigħ u t-tbatija ta' ħuthom il-foqra u min-naħa l-oħra, permezz ta' dan l-għemil tajjeb, ikunu mbierka bil-hena vera, ferħ, u serħan tal-moħħ.

B'mod interessanti, it-terapisti u x-xjenza jaqblu ma' dan. Kwotazzjoni famuża tgħid: 'Is-sigriet għall-ħajja huwa li tagħti' li hija vera u kull min huwa involut regolarment fil-karità jgħidlek dwar is-sodisfazzjon immens li jikseb minn din l-attività.

Bl-istess mod, esperimenti ppruvaw li l-altruwiżmu huwa konness mal-moħħ: iġib sodisfazzjon kbir. Li wieħed jgħin jista' jkun is-sigriet biex wieħed jgħix ħajja aktar kuntenta, aktar sana, aktar għanja, aktar produttiva u aktar sinifikattiva.

Għalhekk, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li: "Kull min iserraħ lil xi bniedem li għaddej minn xi saram ta' din id-dinja, Alla jserrħu minn xi saram ta' Jum il-Qawmien. U min jgħin lil xi ħadd fil-bżonn, Alla jgħinu f'din id-dinja u fl-Oħra. U min jostor xi nuqqas ta' wieħed fidil, Alla jostru f'din id-dinja u fl-Oħra. Alla jgħin lill-qaddej li jgħin lil ħuh."

Kemm hu sabiħ li jekk nixtiequ s-serħan tal-moħħ f'din id-dinja u fid-dinja eterna, allura huwa importanti li ngħinu lil ħutna, inġibu faċilità u faraġ f'ħajjithom u nipprovdulhom kumdità f'ħajjithom.

Għalhekk, għandna dejjem inkunu konxji dwar id-doveri tagħna u ngħinu lil ħutna fuq bażi regolari. Għalkemm għajnuna ta' darba huwa att nobbli, dak li jista' jħalli impatt ferm akbar huwa s-sapport u l-għajnuna fuq bażi regolari, anki jekk ikunu relattivament iżgħar fid-daqs, milli għajnuna ta' darba. Kif jingħad, kull qatra tgħodd, u, b'għajnuna regolari, dan itaffi s-sofferenzi tal-biża' ta' dawk li m'għandhomx riżorsi biżżejjed.

# Familja sinjura tgħin familja fqira

Fi Frar 2024, kelli l-unur li nitkellem waqt il-konferenza dwar il-ġustizzja soċjali li saret fil-Parlament Malti. Fost għadd ta' rakkomandazzjonijiet, jiena ppreżentajt idea kontra l-faqar li, kieku kull familja li ġiet imbierka b'riżorsi biżżejjed kellha ssostni familja fqira jew żvantaġġata billi tgħin finanzjarjament jew bix-xiri ta' neċessitajiet tal-ħajja u ikel, dak ikun pass kbir 'il quddiem biex neqirdu l-faqar f'pajjiżna.

Aktar minn hekk, il-Koran isostni dan ukoll: "Dwar dawk l-irġiel li jagħtu l-karità u dawk in-nisa li jagħtu l-karità, u dawk li jsellfu somma kbira lil Alla – dan jiżdied bis-sewwa għalihom u għalihom ikun hemm ukoll premju onorabbli u ġeneruż." (57:19) Dan ir-rimedju għall-faqar huwa għalhekk xenarju li jibbenefika minnu kemm dak li jirċievi kif ukoll dak li jagħti.

Barra minn hekk, irridu dejjem niftakru li s-servizz li nagħtu lill-umanità huwa objettiv ewlieni ta' kull fidil ġenwin, il-għaliex kull reliġjon bħall-Iżlam, il-Kristjaneżmu, u r-reliġjonijiet maġġuri kollha jħeġġuna biex ngħinu lil dawk kollha fil-bżonn u nuru simpatija u kompassjoni mal-proxxmu kollu.

Bla dubju ta' xejn, is-servizz lejn l-umanità huwa aspett fundamentali tal-fidi u xi ħaġa li lil Alla Omnipotenti jagħtih sodisfazzjon kbir. Punt ieħor importanti li rridu nirriflettu dwaru huwa l-fatt li m'għandna qatt nistennew xi ħaġa lura meta nservu lill-oħrajn, pjuttost irridu naqdu b'mod ġeneruż. Din il-kawża nobbli m'għandhiex għalfejn tgħejjina, anzi l-ambizzjonijiet u s-servizzi tagħna għandhom ikomplu jitkattru.

Irridu nitgħallmu li l-bidla tibda minna u minflok ma nistennew lil ħaddieħor biex jagħmel l-ewwel pass, ejja kollha kemm aħna nħabirku biex inkunu l-ewwel qatra ta' tama biex nagħmlu impatt fil-ħajja ta' ħutna li jinsabu fil-bżonn. Nixtieq nikkonkludi bil-kliem tal-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, li spjega dan is-suġġett fil-qosor u qal: **"Kuljum, kull persuna għandha tanalizza lilha nfisha u tara sa liema punt interessat ruħha fil-benesseri tal-oħrajn u sa liema punt uriet imħabba u kompassjoni lejn il-proxxmu tagħha. Is-simpatija lejn l-oħrajn hija dmir u responsabbiltà enormi li trid iġġorr l-umanità. Huwa kontra l-valuri bażiċi morali li wieħed ifalli milli jgħin lil xi ħadd li jkun fi kwalunkwe diffikultà jew uġigħ."**

# Servizz għall-umanità

## Il-Koran Imqaddes

"Intom l-aħjar nazzjon li nħareġ għall-fejda tal-umanità, għax tordnaw u tħeġġu t-tajjeb, u tipprojbixxu u tevitaw il-ħażen, u temmnu f'Alla." (3:111)

"Kunu ġenerużi mal-ġenituri tagħkom, u ma' qrabatkom, u mal-orfni, u ma' dawk fil-bżonn, u mal-ġar li hu qarib u mal-ġar li hu barrani, u mal-kumpann ta' maġenbek, u mal-vjaġġatur." (4:37)

"Jitimgħu l-ikel lill-fqir, lill-iltim u lill-ilsir għall-imħabba ta' Alla, filwaqt li jassigurawhom li, 'aħna nitimgħukom għall-pjaċir ta' Alla biss. Aħna ma nixtiequ l-ebda premju u lanqas grazzi mingħandkom.'" (76:9-10)

## Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal: "F'Jum il-Ħaqq Alla se jikkonfrontakom u jgħidilkom li: 'Kont marid u inti ma staqsejtx dwar saħħti.' Il-bniedem se jgħid: 'O Alla Inti s-Sid tad-dinja kollha, u qatt ma timrad, u ma kellekx bżonn tal-għajnuna tagħna.' Alla se jgħid: 'Le, wieħed mill-qaddejja Tiegħi kien marid u kellek tistaqsi dwar saħħtu u kont issibni hemm.'

Wara dan se jkompli jafferma u se jgħid: 'Kelli l-ġuħ u ma tajtnix ikel, kelli l-għatx u ma tajtnix ilma, ma kellix libsa u ma libbistnix.' U kull darba l-bniedem se jgħid: 'O Alla Inti s-Sid tad-dinja kollha, għandek kollox, u ma kellekx bżonn tal-għajnuna tagħna.' Alla se jgħid: 'Wieħed mill-qaddejja Tiegħi kellu bżonn ta' dak.' U kull darba se jgħid: 'Li kieku inti għamilt dan kollu, kont issibni hemm.'"

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**